MALTA

ATT Nru. XX ta' l-1993

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikun jista' jingħata effett lil ċerti dispożizzjonijiet taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti.

ACT No. XX of 1993

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to enable effect to be given to certain provisions of the Charter of the United Nations.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

3 ta' Awissu, 1993

ATT Nru. XX ta' l-1993

ATT sabiex ikun jista' jingħata effett lil ċerti dispożizzjonijiet taċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att — Tifsir.

"*Charter*" tfisser iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti iffirmat f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju, 1945;

"Kunsill tas-Sigurezza" tfisser il-Kunsill tas-Sigurezza stabbilit taħt il-Kapitlu V taċ-*Charter*;

"Nazzjonijiet Uniti" tfisser l-organizzazzjoni internazzjonali mwaqqfa biċ-*Charter*.

3. (1) Kull meta l-Kunsill tas-Sigurezza, waqt li jaġixxi skond l-Artikolu wieħed u erbgħin tal-Kapitlu VII taċ-*Charter*, jitlob lill-istati membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex japplikaw xi miżuri biex jagħtu effett lil xi deċiżjoni ta' l-imsemmi Kunsill tas-Sigurezza (li jkunu miżuri li fihom ma jidħolx l-użu ta' forza armata skond l-Artikolu 42 taċ-*Charter*), il-Prim Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4), jagħmel regolamenti li jkunu jidhrulu meħtieġa jew spedjenti sabiex dawk il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, inklużi (mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-kliem preċedenti) regolamenti għall-arrest, proċess u punizzjoni ta' persuni ħatjin ta' ksur ta' dawk ir-regolamenti. Setgħa tal-Prim Ministru li jagħmel regolamenti.

(2) Ir-regolamenti li jsiru skond is-subartikolu (1) għandu jkun fihom it-test tar-rakkomandazzjoni, riżoluzzjoni jew deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurezza li jkun fiha dawk il-miżuri li r-regolamenti jkollhom il-għan li japplikaw.

(3) Meta r-regolamenti li jsiru taħt is-subartikolu (1) ikunu jipprovdu għall-proċess u l-punizzjoni ta' persuni ħatjin ta' ksur ta' dawk ir-regolamenti, ir-reati kollha kontra dawk ir-regolamenti jkunu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala qrati ta' ġudikatura kriminali, minkejja d-
Kap. 9. dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali.

(4) (a) Meta r-regolamenti magħmula skond is-subartikolu (1) ikunu jipprovdu għall-piena ta' privazzjoni tal-libertà jew għal pieni ta' flus, jew għat-tnejn, dik il-piena ma għandhiex, fil-każ ta' privazzjoni tal-libertà, tkun iżjed minn priġunerija għal ħames snin u, fil-każ ta' piena ta' flus, ma għandhiex tkun iżjed minn multa ta' ħamsin elf lira Maltija; u

(b) Meta l-fatti li jikkostitwixxu ksur ta' regolament taħt dan l-Att jikkostitwixxu wkoll ksur ta' liġi oħra li tipprojbixxi l-fatti kollha projbiti bir-regolament partikolari, ma jittieħdux proċeduri dwar il-ksur tar-regolamenti taħt dan l-Att iżda biss dwar il-ksur tal-liġi l-oħra.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 173 tat-28 ta' Lulju, 1993.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.